

Sensiela Mro. Willie Attard (1899-1970)




# INNU TIFĦIR LIL SAN ĠUŻEPP - fl-agunija u fil-glorja
## It-tieni parti – Partitura u Forma

Astratt: F'paġni 23-7 tal-ħarġa tal-ktejjeb tas-sena l-oħra kont introduċejtkom għal wieħed mill-aqwa xogħlijiet mużikali ta' Mro. Willie Attard (1899-1970) – **l-Innu Tifħir lil San Ġużepp** – **fl-agunija u fil-glorja**. L-Innu kien ġie rigalat minnu stess 'bħala wirja ta' rikonoxxenza lis-Soċjetà San Ġużepp li minnha kiseb il-bidu u l-progress li għamel fil-karriera sabiħa tiegħu.' Kif wgħedtkom is-sena l-oħra, fil-ħarġa ta' din is-sena ser nagħtu ħarsa pjuttost dettaljata lejn il-partitura ta' dan l-Innu f'forma ta' Kantata.

Kliem muftieħ: Innu Kbir, Innu *di Gloria*, Innu Tifħir, Innu Tifħir lil San Ġużepp, Mro. Willie Attard, Dun Frans Camilleri, Dun Nerik Cordina Perez, Soċjetà Mużikali 'San Ġużepp' Ħamrun, Società Filarmonica 'La Vittoria' Mellieħa.



Iżda qabelxejn, ippermettuli nżid ngħid xi ħaġ' oħra dwar l-Innu inġenerali peress li mis-sena l-oħra 'l hawn ġie f'idi l-programm tal-festa tal-1955 u li fih insibu mniżżel fid-dettal 'kif il-Kumitat ħaseb u organizza festi kbar fl-okkażjoni ta' għeluq il-25 anniversarju li s-Surmast Willie Attard ġie maħtur Direttur tal-Banda San Ġużepp.' Għad li, ħafna mit-tagħrif mogħti f'dan il-programm jaqbel tista' tgħid f'kollox ma' dak li konna ġbarna s-sena l-oħra mill-ġurnal *The Times of Malta* tas-16 ta' Ottubru 1954, paġna 7, hemm xi dettalji oħra li żgur jinteressaw lill-qarrejja ta' dan l-artiklu. Ta' min isemmi pereżempju li, f'dan l-istess Kunċert kienet daqqet ukoll għall-ewwel darba l-*Għaqda Mandolinistika 'San Ġużepp'* taħt id-direzzjoni tal-istess Surmast u fundatur tagħha. Il-festi *ad unur* is-Surmast imbagħad komplew il-Ħadd 17 ta' Ottubru bi 'Programm Mużikali Grandjuż ... ħdejn il-Knisja' li fih indaqqew xogħlijiet strumentali ta' Wagner u Liszt 'b'perfezzjoni l-aktar kbira', kif ukoll siltiet mill-opri *I Lombardi*, *Nabucco* u *Trovatore* 'bl-akkumpanjament tal-kori nisa u rġiel tal-Ħamrun taħt id-direzzjoni ta' ... Dun Ġużepp Cachia.' L-artiklu jsemmi wkoll 'l-ovazzjoni li kellu mill-pubbliku li ppakkja Triq Irjali x'ħin indaqq għall-ewwel darba fil-pubbliku l-Innu 'Tifħir lil San Ġużepp ...' Fatt interessanti hu li, il-President, il-Kumitat u l-

Kummissjoni *Entertainment* ma kinux perżenti waqt l-eżekuzzjoni ta' dan il-Kunċert imma *At Home* fil-Każin li għalih attendew numru kbir ta' mistednin fosthom, soċjetajiet minn kull parti tal-gżira! ('Fir-ritratt jidher il-W.R. Kappillan H(enry) Cordina Perez jagħti r-rigal tiegħu waqt li fissirlu l-aqwa xewqat tiegħu mill-qalb.' Waqt il-Kunċert kienu ngħataw bosta rigali sbieħ lis-Surmast Willie Attard.)

Il-PARTITURA[1] oriġinali tal-*Innu Tifħir lil San Ġużepp* tinsab arkivjata fl-arkivju tas-Soċjetà. Ta' kull sena, din tinħareġ minn postha għalbiex tindaqq waqt il-programm vokali u strumentali li jsir fuq iz-zuntier tal-knisja nhar il-festa ta' San Ġużepp li taħbat fl-ewwel Ħadd ta' Mejju. Magħha joħorġu wkoll il-partijiet tal-Innu biex jitqassmu lill-bandisti skont l-istrument. Kemm il-partitura, kif ukoll il-partijiet huma kollha mitkubin bl-idejn peress li dak iż-żmien il-magna tal-iffotokopjar lanqas kienet għadha biss teżisti! Il-partitura fiha 62 paġna u maħduma fuq manuskritt ta' b'24 pentagramma[2] L-istrumenti u l-vuċijiet huma mqassmin fil-partitura kif ġej:

| Pentagramma | Strument | Pentagramma | Strument |
|---|---|---|---|
| | | | |
| 01 | *Flauto in Do* | 13 | *Trombone 1-2-3* |
| 02 | *Oboe in Do* | 14 | *Flicorno Sopranino Mib* |
| 03 | *Clarinetto in Mib* | 15 | *Flicorno Soprano Sib* |
| 04 | *Clarinetto Soprano I Sib* | 16 | *Flicorno Contralto Mib* |
| 05 | *Clarinetto Soprano II Sib* | 17 | *Flicorno Tenore Sib* |
| 06 | *Basso Clarinetto Sib* | 18 | *Flicorno Baritoni Sib* |
| 07 | *Saxofono Soprano Sib* | 19 | *Bassi Mib e Sib* |
| 08 | *Saxofono Contralto Mib* | 20 | *Timpani e Tamburro* |
| 09 | *Saxofono Tenore Sib* | 21 | *Batteria* |
| 10 | *Saxofono Baritono Mib* | 22 | Kor tal-Anġli (*Soprani*) |
| 11 | *Corni Mib 1-2-3* | 23 | Kor tal-Bnedmin (*Tenori*) |
| 12 | *Cornette Sib 1-2* | 24 | Kor tal-Qaddisin (*Bassi*) |

Mit-tabella ta' hawn fuq ninnutaw ċerti affarijiet fosthom li, (a) l-istrumenti jinġabru fi gruppi iżgħar skont il-familja tagħhom. (Il-familji huma mmarkati b'żewġt ilwien alternati). Hekk mela, fuq nett tal-istrumenti insibu l-flawt, u l-obwe; imbagħad il-familja tal-klarinetti, inklużi l-kwartin u dak baxx; taħthom is-sassafoni, li huma erbgħa; il-korni; il-kurunetti; it-trumbuni; il-familja tal-flikorni, ħamsa b'kollox; il-baxxi; il-perkussjoni; u fl-aħħar il-vuċijiet mill-aktar waħda għolja sa l-aktar waħda baxxa; (b) tneħħi l-flawt, l-obwe, it-trumbuni u l-baxxi, il-bqija tal-istrumenti kollha jittrasponu, jiġifieri jaqraw il-mużika b'ton differenti minn dak li bih tkun miktuba; (ċ) it-timpani fil-fatt huma skurdati, jiġifieri m'għandhomx nota li fuqha jistgħu jintonaw ruħhom. F'dan il-każ, kelli noħroġ parti ġdida bin-noti skont kif tiddetta l-mużika tal-Innu għalbiex tkun tista' tindaqq fuq par timpani moderni; (d) il-membri tal-familja tal-*flicorni* huma miġbura flimkien għalihom minn l-iżgħar wieħed, li hu s-*Sopranino* in Mi*b*, jew kif inhu magħruf aħjar magħna il-Maltin, il-pistolin, sal-ikbar wieħed, li hu l-*Baritono* in Si*b*, jew kif inhu magħruf aħjar, l-ewfonju (*Euphonium*). Il-*flicorno Tenore* in Si*b* mhux għajr l-*Althorn* tallum; (e) it-tliet korni, illum in Fa u mhux aktar in Mi*b*, tqiegħdu fuq l-istess pentagramma. L-istess jingħad għat-trumbuni. Il-*cornetti* primi u sekondi, jew kif nafuhom aħjar, il-kurunetti, ukoll qedin fuq l-istess pentagramma, l-istess bħalma qedin il-*bassi* (baxxi) in Mi*b* u Si*b* rispettivament; (f) għalkemm il-ħames pentagramma tgħid li fiha l-klarinetti sekondi biss, din fil-fatt tħaddan ukoll it-terzi; (ġ) għalkemm ma jidhrux fl-ewwel paġna, il-qniepen qedin imniżżlin fuq l-istess pentagramma fejn hemm it-timpani u t-

[1] Kelma oħra għal 'spartit', dik li bl-Ingliż insejħulha *score*. Ktieb bil-mużika miktuba jew stampata fuqu b'indikazzjoni tal-parti li għandu jagħmel kull strumentalist u kantant fl-esekuzzjoni tagħha. Hemm diversi tipi ta' partituri (spartiti): (a) orkestrali, li jkun dettaljat ħafna u li s-surmast jidderieġi minn fuqu; (b) vokali, li fih ikun hemm il-partijiet vokali biss; (ċ) riduzzjoni għall-pjanu tal-partijiet strumentali.

[2] Pentagramma, dik li bl-Ingliż insejħulha *stave* jew *staff*. Din tkun tikkonsisti f'vers ta' ħames rigi għall-kitba tal-mużika.

tanbur. F'każ li dawn ikunu qedin idoqqu t-tlieta fl-istess ħin, allura l-qniepen jitniżżlu fuq il-pentagramma ta' taħt fejn hemm il-katuba u l-pjatti.

FORMA: Ħafna drabi, Innu *di Gloria* jieħu forma ternarja, jiġifieri jkun maqsum fi tliet movimenti (jew taqsimiet) kbar distinti fejn, (1) tissejjaħ A għax hija l-ewwel taqsima. Din tinbena madwar tema ewlenija (Tema A); (2) tissejjaħ B, u li tifforma t-tieni taqsima, u b'tema li tista' tkun għal kollox differenti minn ta' qabilha biex b'hekk jinħoloq kuntrast (Tema B); u (3). Din it-tielet taqsima tista' tkun, jew (a) A (i.e. ripetizzjoni eżatta), jew aħjar (b) $A^1$ (i.e. ripetizzjoni viċin). B'hekk, minħabba r-ripetizzjoni ta' A jew $A^1$ fit-tielet taqsima, B tiġi maqbuda bejn żewġ taqsimijet li għandhom ħafna minn xulxin, u allura tispiċċa fin-nofs. Din it-tip ta' forma fil-mużika aħna nsibuha bħala forma ABA jew $ABA^1$.



L-*Innu Tifħir lil San Ġużepp* (1954) ukoll għandu din il-forma ternarja fejn A = minn l-ewwel sa battuta 103: dan l-ewwel moviment huwa mmarkat *Andante Religioso,* i.e. andanti, u allura jitħabbat bil-ħlewwa u fl-istess ħin b'sens devozzjonali; B = mill-104 sal-207 battuta: fih innifsu, dat-tieni moviment jerġa' jinqasam fi tliet taqsimiet iżgħar fejn dawk tat-truf huma daqsinsew filwaqt li, tan-nofs hu bil-wisq aktar qsajjar: (a) b. 104-146, in Mib Maġġuri, (b) 147-164, in Do Minuri, u (ċ) b. 165-207, fl-istess tonalità ta' (a). F'taqsima (a) it-temp hu mmarkat *Poco Meno* u allura jitqal xi ftit f'mixjietu, filwaqt li, f'taqsima (b) (*Andante Sostenuto*) il-burdata tinbidel għal waħda ħafn' aktar kiebja peress li tkun riesqa l-mewt tal-Qaddis. F'taqsima (ċ) terġa' l-klima li nkunu bdejna biha fit-tieni moviment; $A^1$ = mill-208 sal-aħħar battuta: dat-tielet moviment jibda f'temp immarkat *Poco Più Mosso* (b. 207), biex juri li għandu jkun xi ftit aktar imċaqlaq minn dak ta' qablu, u jibda jżid f'ġirjietu sa ma jerġa' jiġi lura għal dak li nkunu bdejna bih fil-bidu tax-xogħol tagħna, u allura hu mmarkat *Tempo Primo* (b. 218). Fil-fanfarra mbagħad (b. 236-241), it-temp ikompli jżid (*Più Mosso*), imma fis jerġa' jibda jaħseb ħalli jnaqqas minħabba l-*Maestoso* li jiġi wara (b. 242-262), u aktar tard, il-*Grandioso* (b. 263-278) li, kif jixhed l-istess temp, irid jitħabbat b'mod li jiddeskrivi lil San Ġużepp tiela' fis-sema biex igawdi l-glorja tal-Ġenna. Ma tonqosx ukoll il-*coda* (b. 279-292) immarkata *Mosso,* fejn it-temp mhux biss irid ikun imħarrek, imma li jaċċellera f'salt wieħed biex ix-xogħol jintemm fuq nota kemm jista' jkun pożittiva fost iċ-ċapċip entużjażmanti tal-ammiraturi u devoti tal-Qaddis. (Fir-ritratt jidher is-Surmast Willie Attard fl-età ta' meta kiteb l-Innu)

Minn dan kollu naraw li, l-ewwel żewġ movimenti, i.e. A u B, għandhom eżatt l-istess ammont ta' battuti, i.e. 103-il wieħed, filwaqt li, it-tielet ($A^1$) fih 84 battuta. Iżda, għalkemm dan tal-aħħar hu iqsar mit-tnejn ta' qablu, meta tqiegħdhom it-tlieta wara xulxin, xorta waħda jirrendu 'l dan ix-xogħol f'wieħed estetikament ibbalanċjat. Wieħed jista' wkoll jirraġuna b'mod li, jekk inneħħu l-ammont ta' battuti li jiffurmaw l-introduzzjoni ġenerali, li bħala tali ma tiffurmax parti sewwa mill-ewwel moviment għas-sempliċi raġuni li hi dik li hi, ikollna eżatt l-istess ammont ta' battuti fl-ewwel (A) u t-tielet ($A^1$) moviment! Dak li jkun jaħseb li, qed niffissaw iżżejjed fl-analiżi tagħna, imma tajjeb li wieħed ikun jaf kemm huwa importanti għal kompożitur li jfassal sewwa meta jiġi biex jibni kompożizzjoni mużikali.

GĦELUQ: Fil-Programm tas-sena d-dieħla ser niddiskuti f'aktar dettal fuq kif inhuma mqassmin sewwa dawn it-tliet movimenti, kif ukoll, f'artiklu separat ieħor, fuq il-famuż **motif**, jew ċellola mużikali daqs nitfa, li jien qed ngħammed bħala ta' 'San Ġużepp', u li fuqu jdur ix-xogħol kollu li għandna f'idejna. Nieħu din l-okkażjoni biex nawguralkom il-festa t-tajba u nħeġġiġkom biex tkunu preżenti għad-daqq tal-Innu waqt li l-purċissjoni bil-vara devota ta' San Ġużepp tkun dieħla lura fil-knisja parrokkjali ta' San Gejtanu.